31996R2497

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2497/96
tat-18 ta' Diċembru 1996
li jistabbilixxi proċeduri għall-applikazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur l-arranġamenti li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni u fil-Ftehim Transitorju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' Israel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 tat-12 ta' Diċembru 1996 li jiftaħ tariffa ta' kwota għal-laħam tad-dundjan minn Israel li hemm provvediment dwarha fil-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni u l-Ftehim Transitorju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' Israel [1] u partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2615/95 [3], u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi, sa kemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni, l-arranġamenti għall-kummerċ kienu applikati bis-saħħa tad-Deċiżjoni 96/206/KEFA, KE tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 1996 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea ta' Ftehim Transitorju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar minn naħa l-waħda u l-Istat ta' Israel minn naħa l-oħra [4], iffirmat fit-18 ta' Diċembru 1995 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1996;

Billi għandhom isiru dispożizzjonijiet sabiex jiġu amministrati dawn l-arranġamenti permezz ta' liċenzji ta' l-importazzjoni; billi, għal dan l-iskop, minkejja l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati ta' l-iffissar bil-quddiem għall-prodotti agrikoli [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2350/96 [6], għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet u l-partikolaritajiet li għandhom jidhru fl-applikazzjonijiet u fil-liċenzji; billi b'żieda ma' dan, għandha ssir dispożizzjoni sabiex il-liċenzji jinħarġu wara perjodu ta' konsiderazzjoni, li japplika, meta meħtieġ, ir-rata waħdanija ta' l-aċċettazzjoni;

Billi, sabiex tkunu assigurata importazzjoni regolari, il-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu maqsuma matul is-sena;

Billi, la darba l-arranġamenti ma jistgħux ikunu applikati sa l-1 ta' Jannar 197, il-kwota li hemm provvediment dwarha għall-1996 għandha tkun meħuda 'l quddiem lejn l-1997;

Billi, sabiex tkun assigurata l-amministrazzjoni xierqa tas-sistema, il-garanzija għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għandha tkun iffissata għal 20 ECU għal kull 100 kilogramma; billi, minħabba l-okkorrenza possibbli ta' spekulazzjoni li hija inerenti fis-sistema fis-settur tal-laħam tat-tjur, għandhom ikunu stabbiliti kondizzjonijiet preċiżi li jirregolaw l-aċċess tal-kummerċjanti għas-sistema stabbilita;

Billi għandha tingħibed l-attenzjoni tal-kummerċjanti għall-fatt li l-liċenzji jistgħu jintużaw biss għall-prodotti li jkunu konformi mal-ħtiġijiet veterinarji kollha fis-seħħ fil-Komunità;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u tal-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-importazzjoni kollha fil-Komunità permezz ta' l-arranġamenti li hemm provvediment dwarhom fil-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u fil-Ftehim Transitorju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' Israel dwar il-prodotti fil-grupp II referuti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-importazzjoni.

Il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom japplikaw l-arranġamenti u r-rati tad-dazju doganali għandhom ikunu dawk elenkati fl-Anness I.

Ir-rata jew it-tnaqqis fid-dazju doganali għandha tkun dik li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 2 għall-perjodu li għalih il-liċenzja tkun mitluba.

Artikolu 2

Il-kwoti msemmijin fl-Artikolu 1 għandhom jiġu maqsuma kif ġej:

— 25 % fil-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu,

— 25 % fil-perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju,

— 25 % fil-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru,

— 25 % fil-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru.

---

[1] ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 7.
[2] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 88.
[3] ĠU L 305, tad-1912.1995, p. 49.
[4] ĠU L 71, tal-20.3.1996, p. 1.
[5] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[6] ĠU L 320, tal-11.12.1996, p. 4.

Artikolu 3

Il-liċenzji ta' l-importazzjoni li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għar-regoli li ġejjin:

(a) l-applikanti għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu persuni naturali jew legali li, fil-waqt tal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet, jistgħu jippruvaw għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li kienu importaw jew esportaw mhux inqas minn 50 tunnellata ta' prodotti li jaqgħu taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2777/75 f'kull waħda mis-sentejn kalendarji preċedenti tas-sena li fiha tiġi depożitata l-applikazzjoni għal-liċenzja. B'dana kollu, stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut jew ristoranti li jbiegħu il-prodotti tagħhom lill-konsumaturi aħħarija huma eskluži mill-benefiċċji ta' din is-sistema;

(b) l-applikazzjoni għal-liċenzja tista tinvolvi diversi prodotti koperti b'kodiċi NM differenti. F'dawn il-każi, il-kodiċi NM kollha għandhom jiġu indikati fis-sezzjoni 16 u d-deskrizzjoni tagħhom fis-sezzjoni 15.

Applikazzjoni għal-liċenzja għandha tkopri mill-inqas tunnellata waħda, sa massimu ta' 10 % tal-kwantità disponibbli għall-grupp ikkonċernat u għall-perjodu speċifikat fl-Artikolu 2;

(ċ) is-sezzjoni 8 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji għandhom jindikaw il-pajjiż ta' l-oriġini; il-liċenzji għandhom iġorru l-obbligu ta' l-importazzjoni mill-pajjiż indikat;

(d) is-sezzjoni 20 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandhom juru waħda minn dawn li ġejjin:

Reglamento (CE) nº 2497/96

Forordning (EF) nr. 2497/96

Verordnung (EG) Nr. 2497/96

Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 2497/96

Regulation (EC) No 2497/96

Règlement (CE) nº 2497/96

Regolamento (CE) n. 2497/96

Verordening (EG) nr. 2497/96

Regulamento (CE) nº 2497/96

Asetus (EY) N:o 2497/96

Förordning (EG) nr 2497/96

(e) is-sezzjoni 24 tal-liċenzji għandha turi waħda minn dawn li ġejjin:

id-dazju *CCT* imnaqqas kif hemm provvediment dwaru fi:

Reglamento (CE) nº 2497/96

Forordning (EF) nr. 2497/96

Verordnung (EG) Nr. 2497/96

Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 2497/96

Regulation (EC) No 2497/96

Regolament (KE) Nru 2497/96

Règlement (CE) nº 2497/96

Regolamento (CE) n. 2497/96

Verordening (EG) nr. 2497/96

Regulamento (CE) nº 2497/96

Asetus (EY) N:o 2497/96

Förordning (EG) nr 2497/96.

Artikolu 4

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji jistgħu jkunu ppreżentati biss matul l-ewwel għaxart ijiem ta' kull perjodu speċifikat fl-Artikolu 2. B'dana kollu, għall-perjodu l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, l-applikazzjonijiet jistgħu jkunu ppreżentati biss matul l-ewwel g]axart ijiem li jsegwu d-data tad-dħul b'effett ta' dan ir-Regolament.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom jiġu aċċettati biss meta l-applikant jiddikjara bil-miktub li hu ma jkunx ippreżenta u jimpenja ruħu li ma jippreżentax applikazzjoniet oħrajn, fil-perjodu korrenti, rigward prodotti fl-istess grupp fl-Istat Membru fejn tkun ippreżentata l-applikazzjoni tiegħu jew fl-Istati Membri l-oħrajn.

Meta l-istess applikant jippreżenta aktar minn applikazzjoni waħda li għandha x'taqsam mal-prodotti ta' l-istess grupp, l-applikazzjonijiet kollha minn din il-persuna għandhom ikunu inammessibbli.

3. Għandha tkun iddepożitata garanzija ta' 20 ECU għal kull 100 kilogramma għall-applikazzjonijiet għal liċenzja ta' l-importazzjoni għall-prodotti kollha referuti fl-Artikolu 1.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fil-ħames jum tax-xogħol wara l-għeluq tal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet, bl-applikazzjonijiet ippreżentati għal kull wieħed mill-prodotti fil-grupp. Din in-notifika għandha tinkludi lista ta' l-applikanti u dikjarazzjoni tal-kwantitajiet fil-grupp li tkun saret applikazzjoni dwarhom.

In-notifiki kollha, inklużi n-notifika "*nil*", għandhom isiru bit-*telex* jew bil-*fax* fil-jum tax-xogħol stipulat, bl-użu tal-mudell fl-Anness II ta' dan ir-Regolament fil-każi meta ma jkunux ġew ippreżentati l-ebda applikazzjonijiet u fil-mudell fl-Annessi II u III fil-każi meta jkunu ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet.

5. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi malajr kemm jista' jkun possibbli safejn u sakemm jistgħu jiġu konċessi l-kwantitajiet rigward l-applikazzjonijiet referuti fl-Artikolu 3.

Jekk il-kwantitajiet li rigward tagħhom tkun saret applikazzjoni għal-liċenzji jeċċedu l-kwantitajiet disponibbli, il-Kummissjoni għandha tiffissa rata waħdanija ta' l-aċċettazzjoni bħala perċentwal tal-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni dwarhom.

6. Il-liċenzji għandhom jinħarġu malajr kemm jista' jkun possibbli wara li l-Kummissjoni tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha.

7. Il-liċenzji jistgħu jintużaw biss għal prodotti li jkunu konformi mal-ħtiġiet veterinarji kollha fis-seħħ fil-Komunità.

Artikolu 5

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 150 jum mid-data attwali tal-ħruġ.

Il-liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa permezz ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 6

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (KEE) Nru 3719/88 għandu jkun applikabbli.

B'dana kollu, minkejja l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-kwantità importata permezz ta' dan ir-Regolament ma tistax teċċedi dik murija fis-sezzjonijiet 17 u 18 tal-liċenza ta' l-importazzjoni. Iċ-ċifra "0" għandha tiddaħħal kif jixraq fis-sezzjoni 19 tal-liċenzja.

Artikolu 7

Il-prodotti importati għandhom jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' ċirkolazzjoni EUR 1 maħruġ mill-Istat ta' Israel bi qbil mal-Protokoll 3 anness mal-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni u l-Ftehim Transitorju.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Numru tal-grupp	Kodiċi NM	Dazju CCT applikabbli fi ECU/tunnellata	Tariffa ta' kwoti (tunnellati)	
			1.1. --tal-31.12.1997	Is-snin segwenti
I1	0207 25 10	170	2 800	1 400
	0207 25 90	186		
	0207 27 30	134		
	0207 27 40	93		
	0207 27 50	339		
	0207 27 60	127		
	0207 27 70	230		

L-ANNESS II

L-ANNESS II L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2497/96

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ DG VI/D3

IS-SEZZJONI TAL-LAĦAM TAT-TJUR

Applikazzjoni għal-liċenzji ta' l-importazzjoni b'rata ta' dazju mnaqqsa Israel	Data:	Perjodu:

Stat Membru:

Mittent:

Persuna responsabbli bħala kuntatt:

Tel.

Fax

L-indirizzat: DG VI/D.3

Fax: (32 2) 296 62 79/296 12 27

Numru tal-grupp	Il-kwantità li tkun saret applikazzjoni dwarha:
	Il-piż tal-prodott:
I1	

ANNEX III

L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2497/96

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ DG VI/D3

IS-SEZZJONI TAL-LAĦAM TAT-TJUR

Applikazzjoni għal-liċenzji ta' l-importazzjoni b'rata ta' dazju mnaqqsa Israel	Data:	Perjodu:

Stat Membru:

Numru tal-Grupp	Kodiċi NM	L-applikant (L-isem u l-indirizz)	Kwantità (tunnellati) Il-piż tal-prodott
I1			
		Total f'tunnellati bil-grupp	